29 ta' Ottubru, 1954

Imħallef :
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Riccarda Borg Fernandez
*versus*
Bernarda Mallia et.

**Serviġi — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Mara — Illeġittimità tal-Persuna — Liberazzjoni "Ab Observantia"— Art. 1365 (a) u 1362 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Kreditu għall-ħlas ta' servġi prestati minn mara miżżewġa jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti; u għalhekk ma jistax jiġi mitlub ħlief mir-raġel bħala kap ta' l-istess komunjoni.*

*Huwa veru li l-mara f'każ simili għandha interess li tkun attriċi hijo wkoll flimkien mar-raġel fil-kawża li dan jagħmel għall-inkass ta' dak il-kreditu; imma jibqa' dejjem illi l-mara ma tistax taġixxi weħedha, avvolja bl-assistenza tar-raġel.*

*Jekk il-mara taġixxi għall-inkass ta' kreditu simili f'isimha u weħedha, hija tkun persuna illeġittima biex tagħmel il-kawża; għax il-kawża hija intiża għall-konsegwiment ta' kreditu formanti parti mill-akkwist konjugali. U għalhekk, il-konvenut li jissolleva l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna tal-mara attriċi għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li tippremetti illi hija rrendiet serviġi lil Maria Lourdes Dalli l-lum mejta, oħt il-konvenuti Bernarda Mallia u Giuseppe Gatt, aħwa Gatt, li tagħha huma l-uniċi eredi billi mietet mingħajr tfal; in konnessjoni ma' liema serviġi hija għamlet ukoll spejjeż, dejjem fl-interess ta' l-imsemmija Maria Lourdes Dalli, u dan matul l-aħħar ħames snin ta' ħajjitha, u anki qabel, kif jirriżulta mit-trattazzjoni tal-kawża; titlob illi, premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun, il-konvenuti jiġu kundannati jħallsulha dik is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti, jekk hemm bżonn b'opera ta' periti nominandi, bħala dovuta lilha għas-serviġi fuq imsemmija u li jirriżultaw mit-trattazzjoni tal-kawża. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Novembru 1953. Bl-ingħax legali. Il-konvenuti ġew interpellati biex jagħtu s-subizzjoni tagħhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi tant il-konvenuti kuraturi kemm il-konvenuta Bernarda Mallia taw l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna ta' l-attriċi biex tagħmel din il-kawża;

Illi din l-eċċezzjoni tirriżulta fondata. L-attriċi qiegħda titlob minn għand il-konvenuti l-ħlas ta' somma, likwidabbli mill-Qorti, li tmiss lilha għal serviġi li hija tippretendi li rrendiet lill-mejta Maria Lourdes Dalli. Mhux kontestat illi dawn il-pretiżi serviġi ġew reżi mill-attriċi fi żmien iż-żwieġ tagħha. B'dan il-mod il-kreditu pretiż mill-attriċi jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti (art. 1365 (a) Kodiċi Ċivili), u għal-hekk ma jistax jiġi mitlub ħlief mir-raġel bħala kap ta' l-istess komunjoni (art. 1362 Kodiċi Ċivili; Laurent, Diritto Civile, Vol. XVIII, para. 422; Vol. XXIII, para. 164-166; Ricci, Diritto Civile, Vol. VII, para. 87, paġ. 149; Baudry-Lacantinerie, Matrimonio, Vol. I, para. 703; Kollez. Sentenzi Vol. XXVII—I—121; XXIX—I—1577; XXIX—II—297; XXX—I—969). Hu veru illi, meta l-kreditu jkun dovut għal xi serviġi li għamlet il-mara, bħal ma jitratta fil-każ taħt eżami, dina għandha nteress li tkun ukoll attriċi flimkien mar-raġel tagħha fil-kawża li dan jagħmel għall-inkass ta' dak il-

kreditu; imma b'dana kollu jibqa' dejjem illi l-mara ma tistax tagixxi weħedha, avvolja bl-assistenza tar-raġel tagħha (Kollez. Sent. Vol. XXXI—I—266; XXXI—I—144). Konsegwentement il-kreditu pretiż mill-attriċi ma jistax jiġi mitlub ħlief mir-raġel ta' l-attriċi f'ismu proprju, bħala kap u amministratur tal-komunjoni, iżda mhux mill-mara f'isimha u weħedha kif sar f'dan il-każ;

Illi dan juri illi l-attriċi hi persuna illeġittima biex tagħmel din il-kawża, li hija ntiża għall-konsegwiment ta' kreditu formanti parti mill-akkwisti konjugali;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Wara illi teden l-isfilz mill-proċess tan-nota ta' l-attriċi tas-26 ta' Ottubru 1954, tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna ta' l-attriċi, sollevata mill-konvenuti; u għalhekk tillibera lill-istess konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

---